**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 11 ta' Marzu, 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**
**-vs-**
**Carlos Cardona, detentur tal-Karta tal-Identità numru 382778M**

*Kumpilazzjoni Nru. 166/2023*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Carlos Cardona** u ċioe` talli:

Nhar il-25 ta' Frar 2023, għall-ħabta ta' bejn is-2:00 ta' filgħodu (02:00hrs) u t-tlieta ta' filgħodu (03:00hrs), ġewwa Triq Ħal Għargħur, Iklin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, wara li saq vettura bil-mutur tal-għamla Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni IBX-865 fuq il-persuna ta' Gordon Gatt ikkaġuna fuq il-ġisem tal-imsemmija persuna ġrieħi ta' natura gravi, u dan skond kif ġie ċċertifikat minn Dott. Glenn Briffa MD Reg. No. 6460 tal-isptar Mater Dei u/jew diversi tobba oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u cioe' feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stanley Gatt u Rosann Gatt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt billi volontarjament saq vettura bil-mutur tal-għamla Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni IBX-865 fid-direzzjoni tal-imsemmija Stanley Gatt u Rosann Gatt u liema delitt

ma' ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;

3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, wara li saq vettura bil-mutur tal-għamla Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni IBX-865, fuq il-persuna ta' Stanley Gatt u Rosann Gatt ikkaġuna fuq il-ġisem tal-imsemmija persuna ġrieħi ta' natura ħafifa, u dan skond kif ġie ċċertifikat minn Dott. Leigh Calleja MD Reg. No. 3952 tal-Isptar Mater Dei u/jew diversi tobba oħra;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bl-imġiba tiegħu, ikkaġuna lil Gordon Gatt, Stanley Gatt u Rosann Gatt biża li se tintuża vjolenza kontra tagħhom jew kontra l-propjetà tagħhom jew kontra l-persuna jew il-propjetà' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħhom;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kellu taħt il-kontroll tiegħu vettura bil-mutur ta' għamla Mazda Demio, bin-numru ta' reġistrazzjoni IBX-865, saq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluża;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt li kien qed isuq il-vettura tal-għamla Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni IBX-865 għamel 'U-Turn' f'post ipprojbit;

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq jew ipprova jsuq issuq jew kellu fil-kontroll tiegħu l-vettura ta' għamla Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni IBX-865 fi triq jew f'post pubbliku ieħor meta ma kienx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi;

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, wara li kien involut f'inċident b'vettura bil-mutur ta' għamla Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni IBX-865, naqas li bħala sewwieq tieqaf, jew meta hekk kont mitlub minn xi uffiċjal tal-Pulizija, Uffiċjal tal-Komunità' jew minn xi persuna oħra li kellha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk, naqas li jaghti isem u l-indirizz tiegħu, kif ukoll l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura u d-dettalji tal-assiguratur tal-vettura, kif ukoll il-marka jew numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura;

9. U finalment talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kiser l-paċi u l-ordni pubbliku b'għajjat, storbju u ġlied.

Il-Qorti ġiet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà' ta' Gordon Gatt, Stanley Gatt u Rosann Gatt jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna/I imsemmija u l-familja/i tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni

kontra l-akkużat skont l-artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà' tal-persuni offiżi u l-familja tagħhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383,384,385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, minn barra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-Liġi, jogħġobha tordna l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan ta' Carlos Cardona ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-4 t' Awissu, 2023[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikoli  214, 215, 216 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 214, 215, 221(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 15 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fir-regolament 3 Taqsima II, Partita A(b) tar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikolu 15A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 65 tal-Liġijiet t' Malta;
8. Fir-regolament 67(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
11. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Settembru, 2023, l-imputat taha il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda.

[1] Fol.249-250

[2] Fol.252

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

**IL-PROVI**

Il-**Current Incident Report**[3] ikkonfermat bil-ġurament minn PC2328 Lilian Attard,[4] jiġi deskritt il-kliem li ntqal *a tempo vergine* minn Amanda Gatt fejn din, wara li spjegat li kienet ħarġet mill-Liquid Club u kienet qed tistenna l-Bolt *"fil-kantuniera u l-oħrajn kienu ħerġin minn ħdejn il-Liquid biex jiġu ħdejja u f'daqqa waħda ġiet vettura Mazda Demio ħadra bin-numru ta' reġistrazzjoni IBX865 minn mar-roundabout ghal triq il-Għargħur, Iklin u* ***x-xufier beda jgħajjat "Oħroġ il-barra ha ntajjrek jekk inti raġel" u jsuq fuq in-nies bl-addoċċ u nzerta lir-raġel tiegħi Stanley Gatt, ħuh Gordon Gatt u Rosann Gatt".***[5]

Min naħa tiegħu Stanley Gatt iddeskriva kif hekk malli ħareġ mill-Liquid Club, sema lill-imputat jillettika mas-*security*. Hekk kif kienu faċċata tiegħu rah jidħol ġot-triq tal-Liquid *"u beda* ***joffendi lil wieħed security, irriversja lura lejn ir-roundabout u imbghad saq ghal fuqna."***[6]

Mart l-imputat stqarret mal-pulizija li hi kienet ma żewġha fil-Liquid Club u hekk kif kien hemm xi nies jieħdu ritratt *"Carlos daħal f'nofshom u kien hemm waħda qaltlu 'terġax tmissni' u xi ħadd li kien magħha imbuttah u s-securities ħarġuh il-barra u jien ħriġt barra warajh. U Carlos mar għall-karozza tieghi ghax kellu c-ċavetta hu iżda* ***jien mxejt bil-mixi fid-direzzjoni lejn San Ġwann hu mar ghal karozza li kienet ipparkjata faccata tal-Mekkek snack bar.****U ma nafx x'gara iktar".*[7]

L-istess rapport issemmi kif meta ġie arrestat l-imputat fir-residenza tiegħu l-Marsa, inxtammet riħa qawwija ta' alkoħol. Intqal ukoll kif il-vettura *"kien fiha* ***diversi daqqiet*** *u trab".*[8] Fir-rapport jingħad li l-imputat rrifjuta li jagħmel il-

---

[3] **Dok.CC3** a fol.12 et seq
[4] Fol.160-161
[5] Fol.13
[6] Ibid.
[7] Ibid.
[8] Fol.14

*breathalyser test* wara li ma setgħax jaqbad mal-avukat ta' fiduċja tiegħu. Lanqas ma ried li jiġi nvistat minn tabib.[9]

Vittma oħra, Rosanne Gatt, *a tempo vergine* stqarret li hekk kif kienet fuq il-bankina n-naħa tal-Liquid Club fi triqtha d-dar *"ilmaħna karozza ma nafx x'kulur hi, li għadda minn magħna u kważi daħal fina, imbghad mar faċċata u bdiet tgħajjatli l-mara ta' ħu r-raġel u* ***kif mort biex naqsam tajjarni spiċċajt fl-art*** *…".*[10]

**PS2001 Janice Xuereb** iddeskriviet kif fil-25 ta' Frar 2023, ghal ħabta tas-2:40am daħlet telefonata fl-Għassa tan-Naxxar fejn ġie rapportat li viċin l-istabbiliment tal-Liquid kien hemm persuna li allegatament kienet saqet fuq xi nies. Kif waslu fuq il-post, is-Surġent lemħet l-ambulanza li kienet diġà fuq il-post u t-tim mediku kien qiegħed jagħti l-assistenza medika. Is-Surġent spjegat li kien hemm waħda mix-xiehda fuq il-post li stqarret li kien żvolġa argument ġewwa l-Liquid u wieħed mill-rġiel involuti fl-argument nħareġ 'l barra mis-*securities*. Meta hi flimkien mal-familjari tagħha kienu qegħdin jistennew taxi tiġi biex imorru d-dar, ġiet vettura tal-għamla Mazda Demio ta' kulur aħdar bin-numru ta' reġistrazzjoni IBX-865 li saq ghal fuq xi nies u laqat tliet familjari tagħha.

Fuq il-post ġiet mitkellma ukoll Brenda Cardona, il-mara tal-imputat, li spjegatilhom li kienu qegħdin ġewwa l-Liquid fejn kien nqala argument fuq ritratt. Spjegatilhom li l-imputat kien nħareġ 'l barra mis-*securities* u meta nħareġ 'l barra, dan mar ghal karozza ta' Brenda għaliex kellu ċ-ċavetta tagħha għandu. Brenda Cardona qaltilhom però li ma tafx x'gara għaliex din **ma rikbitx miegħu.**

Il-Qorti tibda mill-ewwel titħasseb: **X'raġuni kellha mart l-imputat biex ma tirkibx miegħu? Għaliex żewġha ma jidher li għamel ebda sforz biex flimkien ma martu jirritornaw ġewwa darhom?**

Għal ħabta tat-3:20am ta' filgħodu, membri tal-RIU marru fir-residenza ta' Carlos Cardona fejn sabuh hemmhekk u arrestawh u ttieħed l-għassa tan-Naxxar. Kif waslu l-Għassa, is-Surġent stqarret li <u>setgħu ixommu riħa ta' alkoħol</u> u għalhekk talbu lill-imputat sabiex jagħmel test tal-*breathalyzer.* Cardona ghal bidu xtaq ikellem lill-Avukat tiegħu iżda sussegwentement aċċetta li jagħmel it-test. Kif appena preparaw kollox, Cardona reġa' bdielu u għalhekk rrifjuta li jagħmel it-test u dan qabel ma jkellem lill-Avukat tal-fiduċja tiegħu, Dr. David Gatt. Il-vettura in kwistjoni kienet Mazda Demio ħadra numru IBX865.[11]

---

[9] Fol.15
[10] Ibid.
[11] Fol.152-154

Għalkemm ma ngħatat l-ebda imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, kuntrarjament għal dak sottomess mill-abbli difensur fis-sottomissjonijiet orali tiegħu, għal kull buon fini jiġi osservat li hawnhekk il-Pulizija kellha tara li jkun preżenti avukat għall-għajnuna legali, sabiex dan setgħa jispjega r-regola t'inferenza lill-imputat u b'hekk, fil-presenza tiegħu, l-istess imputat kien ikun f'pożizzjoni fejn kemm il-darba jaghti r-rifjut tiegħu, dan kien jiġi reġistrat skond kif tiddetta l-liġi u b'hekk kienu jsegwu l-konsegwenzi legali għal dak ir-rifjut. M'għandux ikun li persuna suspettata tiddetta hi lill-Pulizija li ma tridx avukat ieħor meta avukat tax-xelta tagħha ma jkunx disponibbli. Jekk jitħalla jsir hekk jiġu stultifikati l-proċeduri u senjatament il-ġbir tal-evidenza.

**PS 408 Mark John Schembri**, spjega li fil-25 ta' Frar 2023, kien ġie mitlub jassisti lil PS 2001 Janice Xuereb fuq inċident li kien sehh ħdejn il-Liquid Club ġewwa San Ġwann. Wara li marru fuq il-post, irriżulta li kien hemm xufier li saq ghal fuq xi individwi bil-vettura tal-għamla Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni IBX – 865. Irriżulta ukoll li x-xufier kien ċertu Carlos Cardona.

Għal ħabta tat-3:20am il-Pulizija tat-taqsima tal-RIU rrikorrew fir-residenza ta' Cardona fejn hemmhekk ġie arrestat u ttieħed l-Għassa tan-Naxxar. Is-Surġent kien ngħata struzzjonijiet sabiex jerga jmur fejn ir-residenza tal-imputat sabiex jfittex il-vettura involuta fl-inċident, u hemmhekk sab l-istess vettura li kienet tidher kellha xi daqqiet. Kif is-Surġent informa lill-ispettur li l-vettura nstabet, ġew is-*Scene of Crime Officers* sabiex jieħdu l-kampjuni wara liema il-vettura ġiet towed minn fuq il-post u ttieħdet il-*compound*.[12]

**Civilian Officer Benjamin Abela** u **PC 2089 Maria Bezzina** ippreżentaw ir-rapport tagħhom , wara eżamijiet li saru fuq il-vettura involuta fl-inċident. Fil-25 ta' Frar 2023. Minn ġewwa l-Marsa ħadu kampjuni u evidenza minn fuq vettura Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni IBX – 865. Ix-xiehda ħadu sensiela ta' ritratti u kif ukoll elevaw kampjuni u *swabs* ta' lewn ħamrani li ġew mgħoddija lil espert forensiku Dr Marisa Cassar.[13]

**PC837 Daniel Zammit** jispjega l-rwol tiegħu meta irrikorra ma kollega tiegħu PC170 ghal fejn il-Liquid Bar. Fuq il-post laħqu marru xi kollegi minn tiegħu li dawn informawh li il-vettura involuta fl-inċident kienet Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni IBX-865, li instaqet minn fuq il-post. Minn aktar stħarriġ rriżulta li x-xufier li kien qiegħed isuq il-karozza x'aktarx kien Carlos Cardona u għalhekk rrikorrew fir-residenza tiegħu ġewwa l-Marsa fejn sabu lil Cardona hemmhekk u proċedew sabiex arrestawh. **Cardona kellu riħa ta'**

---

[12] Fol.157-159

[13] Xiehda a fol.168-169.Rapport **Dok.AB** a fol.172 et seq

**alkoħol fuqu,** deher ftit aġitat u meta ġie mistoqsi xi domandi *"beda jghidilna li ahjar ma jwegibx"*[14].

L-abbli difensur staqsa lix-xhud jekk fil-ħin li Cardona ġie arrestat f'daru kienx hemm mandat għall-arrest tiegħu. Il-kuntistabbli innega dan u jixhed li l-arrest sar fuq struzzjonijiet tal-ispetturi investigattivi.[15] Dan ma jnaqqas xejn mill-proċedura adoperata mill-Pulizija ġaladarba l-Liġi tipprovdi:

> **355X.** (1) Kull uffiċjal tal-Pulizija jista' jarresta mingħajr mandat lil persuna li tkun fl-att ta' għemil jew li tkun għadha kemm għamlet delitt punibbli bi priġunerija, jew li jkollu suspett raġonevoli fiha li qegħda biex tagħmel jew li tkun għadha kif għamlet xi delitt.

**PC 535 Kurt Zammit**[16] kif ukoll **PC 61 Larkin Lia**[17] jikkorroboraw il-verżjonijiet mogħtija mill-uffiċjali li wasslu fuq ix-xena tar-reat.[18]

L-**Ispettur Andrew Agius Bonello** jagħti r-retroxena ta' dak li wassal għal dawn il-proċeduri. Ittieħdet stqarrija tal-imputat fejn dan spjega li l-imputat rrilaxxa stqarrija li fiha stqarr li huwa kien hekk kif kien sejjer jiġbor il-mara bil-karozza ħass lil xi ħadd jaħbat go fih u f'daqqa daruh ħafna nies bil-konsegwenza li kellu jsuq minn fuq il-post. [19]

*Stqarrija tal-Imputat*

Fl-<u>istqarrija</u>[20] rilaxxata mill-imputat nhar il-25 ta' Frar 2023, dan stqarr li huwa ***'ma dehrlux'*** li kellu argument ma' grupp ta' nies jew li kellhom ikunu s-*security* biex joħroġ 'l barra mill-Club. Semma li meta ħareġ mill-istabbiliment, mar ghal karozza, dar mar-*roundabout*, ġabar lil mara, u f'dak il-mument ħass lil xi ħadd jaħbat mal-karozza. Kif waqaf *"gew kulhadd itini minn got-tieqa u qabdu ituni. U tghajt il-gear ghax automatic u soqt. Wiehed minnhom baqa' mdendel mat-tieqa. Ma nafx min huma"*[21].

Cardona <u>innega li huwa saq għal fuq xi nies.</u> Jgħid li huwa saq 'l hemm għaliex marru xi nies biex jaqbdu jtuħ kif kien fil-karozza. Skond l-imputat ħebbew

[14] Fol.202-204
[15] Fol.204
[16] Fol.206-207
[17] Fol.208-210
[18] Fol.206
[19] Fol.244-247
[20] **Dok.CC7** a fol.20-22
[21] Fol.21

għalih għax xi ħadd laqtu bil-karozza. Jgħid ukoll li kif mar idawwar biex jitlaq minn fuq il-post, laqat ħajt.

Rigward id-demm li nstab fuq il-vettura, Cardona stqarr li dak id-demm x'aktarx kien ta' xi wieħed li beda jiddendel mal-karozza. Jgħid ukoll li seta' kien demm minn għonqu minħabba li x'ħin bdew jagħtuh id-daqqiet, girfulu għonqu: *"Jien qed naħseb li jew għax ħabat xi ħadd miegħi mal-karozza. Jien Ma nafx ux."*[22]

Minn din l-istqarrija jibda jifforma kwadru tal-karattru inveritjier tal-imputat. Kuntrarjament għad-dikjarazzjoni li wara li mar iġib il-karozza *"Dħalt ghal mara jien. Hemm triq parallel ma Triq il-Balal u dħalt biċċa u erġajt soqt ux kif ġew ituni ... [il-mara kienet baqgħet ħdejn il-bieb tal-Liquid].... Qas tawha ċans tiġi l-mara".*[23] Il-fantasija tiegħu tkompli meta <u>ma jsibx spjegazzjoni għaliex ġaladarba suppost kellha tinżel lura d-dar miegħu, dan saq lejn id-dar waħdu u ħalliha warajh</u>! Cardona jistqarr: *"Mbad jiena tlaqt, cempiltilha, waqatli l-battry u mhux ha nerga nidhol hemm gew. Mbad ergajt inzilt id-dar niccargja l-mobile ha ncemplilha u gew il-Pulizija".*[24]

Issa kif ġa intqal il-mara tiegħu, *a tempo vergine,* stqarret mal-pulizija li waqt li Cardona mar ghal-karozza hi kienet diġà bdiet miexja fid-direzzjoni ta' San Ġwann. Għalkemm jekk tassew ġarax hekk jibqa' prova *hearsay*, hi ċertament prova ammissibbli li Brenda Cardona lill-Pulizija qaltilhom is-segwenti diskors: *"<u>Carlos mar għall-karozza tieghi</u> ghax kellu c-ċavetta hu* ***iżda jien mxejt bil-mixi fid-direzzjoni lejn San Ġwann hu mar ghal karozza li kienet ipparkjata faccata tal-Mekkek snack bar.U ma nafx x'gara iktar".***[25]

Għalhekk kieku tassew ried irikkeb il-mara tiegħu fil-vettura tagħha(!), u dan meta martu, wara li ħarġu lill-żewġha bil-forza mill-Liquid Club, din kienet laħqet bdiet miexja lejn San Ġwann, isegwi li <u>Carlos Cardona ma kellux għalfejn jerġa jmur lejn il-Liquid Club li hu fuq in-naħa tat-Triq li tieħdok lejn in Naxxar jew l-Iklin!! Tant hu hekk li l-Club jinsab fuq il-karreġġata opposta tal-Mekkek</u>!

**M'hemmx dubbju għaliex Cardona ħass li għandu jmur lejn il-Club, u dan kien propju biex ipattiha lill-*bouncer* li kien ħarġu l-barra mill-Liquid Club u jkompli bl-argument fl-istat li kien fih.**

---

[22] Fol.21
[23] Fol.21
[24] Fol.21
[25] Fol.13

Aktar jagħmel sens dak li ntqal lill-pulizija minn martu fejn jidher biċ-ċar kif din l-imsejkna mara urtat ruħha dwar dak li sehh fil-club u dlonk telqet għar-rasha minn fuq il-post.

Daqstant ieħor hi priva minn kull loġika id-dikjarazzjoni tal-imputat li n-nies li kienu barra l-club qabbdu jtuħ għaliex xi ħadd kien laqat lilu. Min jiġi milqut għajnuna jirċievi u mhux jisfa jiġi vittimizzat minn terzi intortament!!

Tassew hi f'waqtha id-domanda tal-uffiċjal investigattiv dwar ir-raġuni għaliex l-imputat ma ħassx li kellu jagħmel rapport l-għassa minkejja l-verżjoni tiegħu li dan safa aggredit ghal xejn b'xejn. Joħroġ bi skuża wara l-oħra ghal dan in-nuqqas li b'xi mezz jinforma lill-Pulizija.

Fil-fatt l-ewwel jgħid li *landline* ma għandux id-dar iżda jitfakkar li hu sekondi qabel stqarr li mar id-dar biex jiċċarġja l-mobile biex suppost iċċempel lil mara tiegħu. Isegwi li daqstant ieħor seta ċempel lill-pulizija jekk mhux jagħżel imur f'xi waħda mit-tlett għasses, u ċioe dik ta' ta' Birkirkara, tan-Naxxar jew San Ġiljan (kollha madwar 8-12 il-minuta bogħod jekk jevita Triq Ħal Għargħur ghal kollox biex ma jerġax jgħaddi minn ħdejn il-Liquid Club) biex jagħmel rapport dwar l-akkadut li jridna nemmnu sofra meta ġie attakkat mingħajr provokazzjoni. Biex ma jingħad xejn dwar l-Għasses tal-Ħamrun jew tal-Marsa stess, it-tnejn qrib ir-residenza tiegħu!

Iżda l-iktar tweġiba li tħalli l-Qorti perplessa hi dik meta jistqarr li hu għażel iħalli l-mara waħedha fit-triq minkejja l-assalt li sar fuqu, meta ħarġu flimkien mill-Club quddiem l-istess nies li rawhom flimkien, fid-dlam tal-lejl b'ċorma nies rrabjata li ma kien hemm xejn li jwaqqafhom milli jsegwuha w issa jsawtu lilha. Kif jista' raġel iħalli lill-martu warajh meta kien hemm ġemgħa li fi kliemu kienu irrabjati għalih??

Iżda it-taħwid fil-verżjoni tiegħu ma jieqafx hawn għaliex mitlub jispjega il-ħsarat li ġarrbet il-vettura tiegħu jirrispondi *"M'ghandix idea x'fiha l-karozza. Mbad dawwart u lqattu l-ħajt"*.

Itemm l-istqarrija forsi b'dik l-ispjegazzjoni l-aktar inkredula meta mitlub jispjega kif fuq il-vettura tiegħu kien instab demm. Cardona jgħid li d-demm *"Jew ta' xi hadd li beda jiddendilli mal-karozza jekk mhux ma ghonqi. Ghax x'hin dahlu jtuni fil-karozza girfuli ghonqi....[in-nies li bdew ituh kienu]..In-naha tieghi, tax-xufier. Pero l-ewwel wieehd li habat mal-karozza kien minn naha tax-xellug"*.[26] L-imputat

---

[26] Fol.22

jistqarr li ma kienx għaddej b'veloċità ħabba n-nida tant li lanqas seta jara sew iżda jaf li daru għalih bejn tnejn jew tlieta minn nies.[27]

*Il-Vittmi*

**Gordon Gatt**, spjega li dakinhar tal-inċident, li seħħ għall-ħabta tas-sagħtejn, sagħtejn u għoxrin, hu kien qiegħed il-Liquid Club, San Ġwann, flimkien ma martu Rosanne Gatt, ħuh Stanley Gatt u l-mara ta' ħuh Amanda Gatt.[28] Hekk kif il-party kien spiċċa nqala argument fejn raġel intefa l-barra min *bouncers*. Meta ħarġu, kissru ghal fuq ix-xellug u baqgħu mixjin fuq il-bankina li hemm bejn il-Vibes u t-triq prinċipali (tagħti naħa għal San Ġwann u d-direzzjoni l-oħra għan-Naxxar). Raw li kien għadu għaddej l-**argument bejn il-*bouncer* u dak ir-raġel** li kien intefa l-barra l-Club mill-istess *bouncers.* **Ir-raġel beda jhedded lil *bouncer* li ser ittajjru u telaq minn fuq il-post biex iġib il-vettura li kienet Mazda ta' kulur aħdar li kienet ipparkjata faċċata tal-club ħdejn il-Mekkek Bar.[29]**

Issa tajjeb jiġi osservat li biex taċċedi għal Mekkek wieħed ikollu jaqsam karreġġata primarja li tagħti għan Naxxar/Iklin, fejn hemm il-Liquid Club, idur ma *roundabout* u jidħol f'karreġġata oħra li tieħdok direzzjoni ta' San Ġwann/Swieqi. Indubbjament dan juri kif l-imputat, minkejja li ra lill-martu miexja f'direzzjoni opposta kien megħlub minn rabbja liema bħala u minflok qabad triqtu lejn dahru, reġa' dar għat triq opposta biex ikompli joħodha mal-*bouncer*!

Gordon jikkonferma ukoll li hu w l-familjari tiegħu ma' kellhom xejn x'jaqsmu ma' dan l-argument li nqala, ċioe tista' tgħid kienu *pedestrain by-standers*. Hekk kif kienu fuq il-bankina jistennew taxi raw lill-raġel *"**jargumenta mas-security u beda jghidlu li ha jtajjru u ma jtajjrux u li ha jmur igib il-karozza** u hafna paroli minn dan. …… **Dan mar ghall-karozza u nizel fejn is-security u komplew jargumentaw.** Daruh in-nies u fethulu anke l-bieba sadanittant kompla jinqala l-panic u hu rriversja bicca zghira u pprova jagħmel u-turn …. Wara li nqala l-argument man-nies u hekk hu rriversja ftit zghira u ġie biex idur u habat mal-hajt, rega rriversja lura bicca u baqa` tiela b' lura l-quddiem. Sadanittant ahna konna qegħdin nistennew il-karozza tal-kiri biex immorru lejn id-dar, qasmet il-mara ta' hija biex tara jekk il-karozza hux ghalina, …. u sadanittant ghamlitilna s-sinjal biex naqsmu u qsamna qegħdin naqsmu ahna. Sadanittant ahna u naqsmu bumm u sibnieh maghna. … Ahna konna qegħdin naqsmu u hu kien qiegħed il-fuq minna u ahna qegħdin naqsmu l-isfel minnu u ahna u naqsmu mill-faccata tar-roundabout fejn konna qegħdin nistennew ahna ghall-*

[27] Ibid.

[28] Fol.31-32

[29] Fol.33-34

*faccata hemm kamra u tal-Bolt waqaf mal-kamra. X' hin gejna biex naqsmu hu kien il-fuq minna fejn ir-roundabout u* ***rega saq ghal isfel ghal gon nies u dak il-hin laqat lilna."***[30]

Ix-xhud jispjega li qala daqqa bil-karozza msemmija fuq ġenbu, speċifikament f'koxxtu u spalltu tan-naħa tax-xellug, tant li hu waqa' fuq il-*bonnet* tal-vettura iżda ix-xufier baqa' jsuq 'l isfel minn triq dejqa li hemm ħdejn il-Liquid Club (tagħti għall-Iklin) u hu ġie mal-art.[31] Sofra ferita f'rasu u żewġ swaba mtajjrin, tan-nofs u s-subagħ taċ-ċurkett tal-id tax-xellug.[32]

Anke hawn mela, minflok Cardona mar għall-martu li kienet miexja lejn San Ġwann, ġibed għan-naħa oħra!

Gatt jelabora li meta ntlaqat mill-vettura, **il-vettura kienet qeda tinstaq sabiex terġa tinżel "ġon-nies fejn kellu l-argument fil-bidu".**[33]

Sal-jum li fih xehed – fis-6 ta' Marzu, 2023 - kien għadu qed jirċievi kura kull tlett ijiem mill-isptar u ikkonferma li lilu ġie rilaxxat ċertifikat mill-isptar bħal ma hemm esibit fl-atti.[34]

In kontro-eżami joħorġu aktar dettalji li juru l-intenzjoni tax-xufier tal-Mazda Demio, l-imputat.

| | |
|---|---|
| *"Dr. Gatt:* | *Ara jekk tiftakarx li din il-karozza msemmija rriversjat u int intlaqat.* |
| *Xhud:* | ***Le bil-quddiem laqatna. Bil-quddiem laqatni lili.*** |
| *Pros:* | *Qallek fuq il-bonnet kollega.* |
| *Dr. Gatt:* | *Ara jekk tiftakarx illi dan li kien qed isuq kellu persuna li kien ha jmur jghabbiha fil-karozza u rriversja* |
| *Xhud:* | ***Ma kellux il-persuna li sejjer jghabbi ghax hu x' hin mar ghall-karozza hu u gej bil-bieba miftuħa tan-naha tal-passiġġier kien u miegħu ma rikeb hadd.*** |
| *Dr. Gatt:* | *"Tan-naha tal-passiġġier."* |
| *Xhud:* | *Minn fejn saq fil-bidu* |
| *Dr. Gatt:* | *Mela min kien qed isuq ma taghrfux?* |
| *Xhud:* | *Le.* |
| *Dr. Gatt:* | *Jigifieri nkun korrett jekk nghidlek li kien hemm persuna qed tistenna biex titghabba fil-karozza?* |

[30] Fol.34-35
[31] Fol.35-36
[32] Fol.36
[33] Fol.37
[34] Fol.38-39. Ċertifikat **Dok.CC4** a fol.17

*Xhud:* *Sa fejn naf jien jien* ***ma rajt lil hadd jitghabba gol-karozza. Naf li saq bil-bieba miftuħa."***[35]

Tant għandu raġun ix-xhud, li anke mart l-imputat fil-Current Incident Report saħqet li *"Carlos mar għall-karozza tieghi ghax kellu c-ċavetta hu iżda jien mxejt bil-mixi fid-direzzjoni lejn San Ġwann hu mar ghal karozza li kienet ipparkjata faccata tal-Mekkek snack bar.U ma nafx x'gara iktar".*[36]

Altru li ma rikbitx miegħu tant li d-dar waħdu kien u fi kliemu mar hemm biex iċċempel lill-martu w jara x'sar minnha!

Tant kien f'delirju l-imputat li fi kliem ix-xhud okulari Gordon Gatt minkejja li kien hemm bosta nies barra l-club, *"Minn fejn kellu l-argument fil-bidu mar ghall-karozza x' hin rikeb gol-karozza bieba waħda kienet maghluqa u l-bieba tan-naha tal-passiġġier kienet miftuħa u saq minn fejn kien ipparkjat ghal fejn hemm in-nies bil-bieba miftuħa tan-naha tal-passiġġier."*[37]

**Stanley Gatt** iddeskriva kif fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Frar 2023, kien qiegħed il-Liquid Club flimkien ma martu Amanda, ħuh Gordon u martu Roseanne.[38] Għall-ħabta tas-2.30am hekk kif spiċċa l-party, *"...nqalghet naqra tilwima ġewwa u ahna ghidna 'mmorru l hemm'... u qbadna mexjin ghal barra... Sadanittant din it-tilwima parti baqghet ġewwa u l-parti l-ohra harget barra imma min kellu xi jgħid bhala persuna jiena ma rajthiex u tlaqna l barra nsomma u ahna u hergin smajt l-ghajjat bejn is-Security u xi hadd barra u jien ma tajtx kaz ghax ahna nzilna t-tarag ghax hemmhekk hemm xi tlett targiet u gbidna lejn in-naha tan-Naxxar biex nifthemu. Hemmhekk hemm triq u qbizna dik it-triq ta' fejn il-Liquid u gejna mad-dawra li titla lejn in-Naxxar u konna qed nistennew lill-Bolt ghax il-mara tieghi cemplet lill-Bolt. Sadanittant din it-tilwima* ***kien hemm ragel hareg jimxi lejn il-Mekek in-naha l-ohra tat-triq minn hemm rikeb gol-karozza ….hadra Demio….Minn hemm saq bil-bieba mifthuha. Kien hemm tfajla jew il-mara tiegħu jew ma nafx min hi kontra x-xufier bil-bieba miftuħa nahseb kienet ha tirkeb jiena u telqet timxi lejn San Ġwann"***[39]**.**

Għalhekk ix-xhud jikkonferma id-diskors u issa jagħmel prova ta' dak li Brenda Cardona stqarret mal-uffiċċjali tal-Pulizija. Propju kif intqal minn martu fil-Current Incident Report. Lanqas taha ċans tirkeb. Fis-saħna tal-mument moħħu kien determinat li l-argument ikomplieh!

[35] Fol.40-41
[36] Ibid.
[37] Fol.42
[38] Fol.44-46
[39] Fol.46-47

Stanley Gatt ikompli *"**Hi ma rikbitx u minn quddiem il-Mekek saq ghal quddiem il-Vibes.** Quddiem il-Vibes qisu gew in-nies mieghu mal-karozza u hu sabbat mal-bieba … X' hin ġie quddiem il-Vibes daru n-nies mal-karozza …ahna sadanittant konna qed nistennew fil-kantuniera. ….Hu saq lura u ġie l-quddiem ghamel u-turn u habat mal-hajt hdejn saqaja ezatt. Kien hemm hija u ghidtlu: "Ersaq l hawn, ersaq l hawn ghax ha jolqotna." Tlajna fuq il-bankina mad-dawra ghan Naxxar. Sadanittant hu ma ghaddiex ghax ghamel u-turn u habat mal-hajt u hemm il-marka taz-zebgha, **rega hareg lura, tela` lura l-fuq lejna ghax ahna qegħdin fid-dawra imma qabizna lilna ghax qisu ġie warajna** hekk. … Il-mara tieghi kienet in-naha l-ohra Amanda kienet qieghdha fejn il-karozza tal-Bolt u bdiet tghajtilna biex immorru, ahna t-tlieta qbadna t-triq u qegħdin naqsmu."*[40]

Il-Bolt *taxi* waqaf fin-naħa tal-karreġġata li tagħti ghal San Ġwann, faċċata tal-Vibes/Liquid Club u bdew jaqsmu t-triq minn ħdejn il-club, *"Imbaghad **ahna u naqsmu ġie minn warajna ....u x'hin dort rajtu mieghi. Il-karozza rajtha mieghi qrib. Qbadt lill-mara ta' hija u sadanittant laqatli saqaja [tal-lemin] u waqqghani** u gbidt lill-mara ta' hija mieghi lura....hija jien rajtu fuq il-bonnet. Sadanittant hu **rega saq, il-kantuniera tal-Liquid fejn jispicca l-bini tal-Liquid issa minn hawn l hemm hemm il-fence u lil hija nsibu hawnhekk. Mitluq mal-art jien ghalija mejjet".***[41]

Stanley ikompli li ħuh Gordon bid-daqqa spiċċa fit-tarf tat-triq id-dejqa fejn jispiċċa l-*fence* tal-Liquid Club, *"**waqa` minn fuq il-bonnet**. Issa x' hin waqa` minn fuq il-bonnet mitluq mal-art ma ccaqlaqx ghax jien kont qed narah. Hrabt nigri ghal hdejh, htaftlu rasu u kif hrigt idi ghidt: "Il-**tja kollu demm hija." Sadanittant jiena qajjimtu bilwieqfa, hadtu quddiem il-bieb tal-Liquid ergajt, dhalt ġewwa ghax ghall-mument ma hallweniex nidhlu, gibt pakkett tissues u flixkun ilma u ghamiltlu t-tissue mal-ferita biex inzommlu d-demm"*[42]

Stanley jixhed kif sofra ġrieħi fi-pala ta' idu, fil-minkeb u f'saqajh, hekk kif anke ikkonferma ċertifikat[43] li nħariġlu mill-isptar.[44] Irriżulta li kellu wkoll *fracture* f'subagħ.[45]

In kontro-eżami kkonferma kif x-xufier kien waħdu fil-vettura Demio hekk kif *"Mal-karozza kien hemm in-nies jaghtu."* Madanakollu mistoqsi jekk rax xi nies jsawwtu lix-xufier jwieġeb *"Le hemmhekk ma rajtux. Imma jien li naf li daru n-nies mal-karozza issa jaghtu u ma jaghtux ma tajtx kaz x' qed jaghmlu. … nies rajt issa jekk*

---

[40] Fol.47-48
[41] Fol.49
[42] Fol.50
[43] **Dok.CC5** a fol. 18
[44] Fol.51
[45] Fol.54

*kienu bouncers jew security ma nafx ghax jien nies rajt. …* ***Hu fetah il-bieba u beda jaghti mal-bieba … minn ġewwa ghal barra*** *imma n-nies kemm kienu u min kien jien ma nafx min huma."*[46]

**Rosanne Gatt** xehdet li fil-25 ta' Frar 2023, ghal ħabta ta' 2am flimkien ma żewġha Gordon, ħuh u martu, ħarġu mil-Liquid Club. Kif kienu ħerġin semgħu ġlied u storbju iżda huma baqgħu sejrin għal triqthom.[47] Tixhed, *"Konna fuq il-bankina fil-kantuniera. Nara karozzza ddur qisha diehla go fina mhux qisha imma diehla go fina. Sadanittant Amanda l-mara ta' Stanley ġie tal-Bolt u marret f' tal-Bolt u bdiet tghajtilna biex immorru ghax kien hemm tal-Bolt."* Amanda kienet ġa qassmet lejn faċċata tat-triq u l-Club iżda huma kienu għadhom in-naħa tal-Club, u sakemm ġew biex jaqsmu baqgħu hi, żewġha u Stanley. *"Sadanittant il-karozza naraha tirriversja qabzitna lilna ghax ġiet b'lura* ***sakemm gejna biex naqsmu tajjarni*** *u ma nafx x'gara. … Mazda Hadra Cara… x'hin gejt biex naqsam* ***ghax jien rajtu sejjer b'lura….. imbaghad rega ġie bil-quddiem.".***[48] Ikkonfermat ċertifikat mediku li ġie rilaxxat lilha minn u tikkonferma li weġġħet f'saqajha l-leminija.[49]

In kontro-eżami, Roseanne Gatt qalet li fil-Club semgħet storbju u li l-ġlied kien beda ġewwa u kompla barra tal-club.[50] Ħin minnhom intefħet il-bieba tal-vettura u huma kienu ser jintlaqqtu hekk kif il-vettura kienet qed iddur x'ħin huma kienu fuq il-bankina. Qabel ma seħħ dan kien hemm xi nies madwar il-karozza li bdew jħabbtu fuqha *"Kullimkien"*[51] iżda tiċħad li rathom jagħtu lix-xufier.[52] Ix-xhud ikkonfermat li qabel sehh l-inċident, kien hemm xi nies li bdew iħabbtu mal-vettura li kienet involuta fl-inċident. Tkompli li kien f'dan il-ħin biex jevita lin-nies li x-xufier irriversja iżda ma setax idur sew u ħabat mal-kantuniera tal-bankina tant li barax il-vettura.[53]

Tispjega li daħal fihom **darbtejn** ***"L-ewwel darba fuq il-bankina kif daħal go fina x' ħin konna qed nistennew u t-tieni darba x' ħin qsamt u tajjarni.".*** bl-impatt weġġħet koppitha iżda dan ma kellux xi konsegwenzi.[54]

**Amanda Gatt**[55]**,** spjegat lil fil-lejl bejn l-24 u l-25 ta' Frar tas-sena 2023, hija kienet qiegħda il-Liquid Club fejn hija u ħierġa, semgħat xi ġlied ġewwa u x'ħin ħarġu

[46] Fol.53-54
[47] Fol.56-
[48] Fol.57-59
[49] Fol.59. Ċertifikat **Dok.CC6** a fol.19
[50] Fol.62
[51] Fol.64
[52] Fol.62-63
[53] Fol64
[54] Fol.65
[55] Fol.67

barra li kien hemm l**-imputat jargumenta ma' *bouncer*** u semgħet lill-imputat jgħid il-kliem ***""Ghax lili keccejt"** u so on u f'daqqa waħda **qallu: "intajjrek""***.[56] **Minn hemm rat l-imputat sejjer faċċata iġib il-karozza, Demio ħadra, u qasam it-triq fejn hemm l-*snack bar*.[57] Tiddeskrivi kif Cardona mar iġib il-karozza u waqaf d' dik it-triq waqaf fil-bidu tat-triq tal-Vibes u jgħajjat lil *bouncer "Ohrog ghan nofs".*** Tgħid li f'dan il-ħin kellu l-bieba ta' kontra l-passiġġier miftuħa u xi nies daru mal-karozza tiegħu u għalqulu l-bieba l-oħra. Tkompli li rat *taxi* tal-Bolt tieqaf man-naħa l-oħra tat-triq u peress li bassret li kienet għalihom qasmet it-triq. *"Rajtu minn fejn imbagħad imxejt jirriversja u jagħmel u-turn u weħel mal-ħajt, reġa' lura u saq il-quddiem.".* Kien f'dak il-ħin li laqat lill-familtha, *"Jiena kull ma rajt lir-ragel tieghi mal-art u lill-mara ta' huh … Stanley u lil Gordon jinbaram mal-art. Rajt li Rosanne qamet u Stanley qam u kien sejjer ghal huh u serraht mohhi ghax ghidt li qamu. Stanley sejjer ghal Gordon u dak il-hin jiena ghidt: "Madonna laqat rasu u miet." X' hin rajtu jitrembel mal-art tahseb fil-kazin le? Kif rajtu qam ghidt: "Rosanne qieghdha x' imkien." Bdejt nghajtilha ghax ma rajthiex ghax dik marret tistahba ….Lil Rosanne u lil Stanley rajthom iqumu u lil Gordon mal-art. Serraht mohhi rajt lil Rosanne tqum u lil Stanley sejjer fuq huh. La Rosanne qamet ghidt: "Erhilha sejra x' imkien." Mort ma' Stanley biex nara Gordon x' gara u jekk hux kollox sew, qam u kif ma rajtx lil Rosanne ghidt: "Rosanne fejnha?" U nghajjat: "Rosanne fejn inti, Rosanne?" u sibtha faccata hemm wara qisha fil-main road tan-Naxxar."*[58] Ix-xhud ma sofriet l-ebda ġrieħi.[59]

In kontro-eżami semmiet li il-*bouncer* kien qal lil Cardona, *"Jekk trid ejja hawn isfel u niggieldu"* u tiċħad li rat in-nies li daru mal-karozza jagħtu lill-imputat.[60] Rat li l-karozza instaqet bil-bieba miftuħa sa minn quddiem il-Mekkek fejn kienet ipparkjata u ma kien hemm l-ebda passiġġier fiha.[61] Cardona ***"Irriversja u għamel u-turn u weħel mal-hajt rega saq lura u dak il-hin laqathom"*** bil-*bumper* ta' quddiem. Ma deher ħadd jintlaqat b'wara, turija li l-imputat kellu l-familja Gatt *in his line of vision*! Finalment tikkonferma in-numru tal-Mazda Demio bħala dak IBX-865.[62]

Dan id-dettal juri kif Cardona fid-dagħdija biex ikompli l-ġlieda mal-*bouncer*, saq bil-bieba miftuħa sa minn ħdejn il-Mekkek ghal ħdejn il-Club. Fil-fehma tal-Qorti kien propju għalhekk li martu ma riedet l-ebda parti f'din il-kommozzjoni tant li ma rikbitx fil-vettura u baqgħet sejra lejn San Ġwann bil-miexi. Il-Qorti

[56] Fol.69
[57] Fol.69
[58] Fol.70-71
[59] Fol.72
[60] Fol.73-74
[61] Fol.74
[62] Fol.75

temmen li tant Cardona kien megħlub mir-rabja li ma ħasibhiex darbtejn biex wara l-kliem li qallu l-*bouncer*, dan irvilla għalih.

**Raymond Farrugia** li jaħdem bħala *security* kien qed isservi fil-Liquid Club, xehed kif għal ħabta tat-3am, waqt li n-nies kienu ħerġin 'l barra, nqalgħet ġlieda ġewwa bejn tnejn min-nies. Jispjega li huwa ħareġ lil wieħed minnhom 'l barra *"imbaghad f'daqqa waħda nara n-nies bid-demm go rashom, u* ***lilu jtajjar waħda mara."***[63] Farrugia jispjega li l-individwu li huwa ħareġ 'l barra għax kien qed jiġġieled ġewwa, kien l-istess wieħed li kien involut fl-inċident li seħħ barra:- *"Le, le, l-istess bniedem li hrigt 'il barra kien zgur"*[64], iżda ma kienx kapaċi jagħti dettalji ulterjuri.

**Emanuel Borg,** li jaħdem part-time bħala *security*, spjega kif xħin l-event fil-Liquid Club kien spiċċa ghal xi 2.45am, ra erba' koppji ħa jkollhom xi jgħidu bejniethom u hu w sieħbu Raymond Farrugia intervjenew sabiex wieħed ħallewh ġewwa u l-ieħor ħarġuh barra. Kif daħal sa ġewwa biex jara kienx kollox sew sema ħafna għajjat barra, ħareġ u ra mara li bdiet tuġagħha saqajha u raġel b'rasu maqsuma. Ikompli li x'ħin ħareġ *"rajt xi nies li beda jtiru fin-nofs jigifieri beda jsuq u nies jigru warajh... Karozza żgħira kienet,* ***l-istess persuna li kien ħarġu sieħbi 'l barra jiġifieri hu kien. .... beda <u>jidħol</u> fuq in-nies****, bażikament li dawn ma kellhom x'jaqsmu xejn........* ***jien rajt xi nies li jitilghu fuq il-bonnet u jaqghu jigifieri".***

Dan kollu seħħ fit-triq tal-ġenb ħdejn il-Liquid Club, *"Imbagħad naf li daħal f'daħla u daħlu xi nies warajh. Naħseb li ma kinitx tinfed għax reġa' ħareġ b'lura mbagħad."*[65]Ikkonferma li fil-vettura waħdu kien.[66]

**Emanuel Schembri**, li kien fuq xogħol ukoll fil-Liquid Club dakinhar tal-akkadut, spjega li ghal ħabta tat-3am meta kien spiċċa kollox u n-nies qabdu joħorġu 'l barra, f'ħin minnhom inzerta argument fejn ra tmienja min-nies imdawrin ma' wieħed, u x'ħin avviċinahom, wieħed minnhom qallu li kienu ser joħorġu 'l barra u hekk għamlu, b' Schembri joħroġ warajhom barra.[67] *"Jiena u ħiereġ 'il barra warajhom, fl-entrance, nara geġwiġija ta' nies, kulħadd jagħti, quddiem il- bieb tad-disco, u aħna qegħdin fl-entrance, kulħadd jagħti, nisa u rġiel, jagħtu, qed tifhem? F'daqqa waħda nara tnejn imweġġgħin fil-ġenb, nara tnejn imweġġgħin, fil-ġenb, u ħriġt biex nara ntihomx naqra għajnuna."*[68]

---

[63] Fol.110
[64] Fol.111
[65] Fol.116
[66] Fol.117
[67] Fol.118-120
[68] Fol.120

**Carlos Cardona** għażel jieħu l-pedana tax-xiehda u jaghti verżjoni li mill-ewwel tiskontra mal-provi kollha li nstemgħu. Diġà ntqal kif l-imputat saq għall-ħdejn il-Liquid Club bil-bieba miftuħa, mingħajr ma kien hemm passiġġier fiha. Diġà ntqal kif Brenda Cardona qalet diskors *a tempo vergine* li hi baqgħet miexja lejn San Ġwann. Tant hu hekk li anke l-imputat, waqt l-arrest u l-istqarrija, qal lill-pulizija li hu mar id-dar biex iċċemplilha w jara fejn hi.

Il-Qorti bilfors tistaqsi: X'użu kien hemm li jagħmel dan jekk mar propju biex irrikibha ħdejn il-Club u hi telqet bil-pass lejn San Ġwann? Kien ovvju li ma ridietx tirkeb miegħu!

Jixhed li kif kien qed jagħlaq il-club għall-ħabta ta' 2am, *"Hrigna barra u jiena kelli l-karozza pparkjata naqra l-boghod u mort ghaliha biex nigi nghabbi lill-mara minn mal-bankina. X' aktarx qed nissoponi li lqatt lil xi hadd b' xi mera meta pparkjajt mal-bankina biex nghabbi lill-mara …. kien hemm hafna nies barra ghax ezatt kif ghalaq. Xejn jiena kif ipparkjajt mal-genb tal-bankina hassejt il-mera taghmel hoss ma' xi hadd, nizzilt it-twieqi biex nara x' gara u s' hemm naf ghax qabdu jtuni bil-ponn kemm jifilhu ….. jidhirli li kienu tnejn minn nies. Xejn jiena kont qiegħed bilqieghda gol-karozza bil-gear lever ghax karozza automatic sejjer il-quddiem u lura bil-gear lever biex forsi ninqala minn hemm u soqt b' lura. U s' hemm naf u tlaqt l hemm ghax bzajt hemmhekk hux. …tlaqt wahdi ….. Tlaqt minn hemm u bqajt sejjer id-dar u gew il-Pulizija fejn id-dar. [Avukat: U fi x' hin gew il-Pulizija? ] Jidhirli li wara s-saghtejn zgur nimmagina li kienu xi s-saghtejn u kwart u ghoxrin nahseb u nofs."*[69]

Mela hawn Cardona jrid jitwemmen li meta ra din il-kommozzjoni u ġlied, minflok ma ra kif ipproteġa lill-martu w assigura ruħu li din rikbet ġol-vettura biex ma jmurx tintlaqat jew tiltaqa ma xi saram, qabad u saq l-hemm! Mhux talli hekk iżda jikkonferma li baqa għal xi sagħtejn u iktar id-dar u f'dan il-ħin kollu ma ppruvax imur ifittex lill-martu. Minn dak li xehdu l-uffiċjali tal-RIU jirriżulta li rrikorrew fir-residenza ta' Cardona xi 3.20am.

Il-Qorti tistaqsi kif jista' jkun li meta jaf li martu baqgħet ma rritornatx id-dar, Cardona baqa paxxut f'daru w hu ma jafx fejn kienet u x'ara minnha?? Tal-blieħ tassew! Il-Qorti temmen li kien jaf li martu mhux ser tirkeb miegħu mill-ewwel malli ħarġu mill-Club propju minħabba dak li nqala fuq ġewwa u li ried jirritalja. Kien propju għalhekk li ma qagħadx jikkoppa jsibha, <u>għalih l-importanti kien li jkompli l-argument.</u>

Il-ħrafa li joħloq Cardona tkompli hekk kif jgħid is-segwenti:

---

[69] Fol.255-257

*"Xhud: All right jiena kif ghidtlek x' hin bdejt naqla bil-ponn u b' din l-id mal-gear lever sejjer hekk biex forsi nicaqlaq ghax ma stajtx nibqa naqla d-daqqiet hemm. Harget bir-reverse l-karozza, dawwart u bqajt sejjer il-barra.*
*Avukat: Ghala? Ma nahsibx li hija diretta din id-domanda. Meta ghadek kemm xhedt daruk xi tnejn*
*Xhud: Tnejn minn nies zgur.*
*Avukat: Inti kellek xi feriti?*
*Xhud: Kelli mela f' ghonqi, f' wicci*
*Qorti: Mort taghmel certifikat?*
*Xhud: Jiena ttehdit l-isptar u nemmen li sar l-isptar ic-certifikat.*
*Avukat: L-isptar jew xi clinic?*
*Qorti: U ma tawhulekx?*
*Xhud: Esebit nahseb hux.*
*Avukat: Esebit fl-atti."* [70]

Minkejja dak li jingħad mill-imputat kif ukoll fit-trattazzjoni finali mill-abbli difensur, **ma ġie esibit l-ebda ċertifikat mediku**. Fil-Current Incident Report insibu li l-imputat irrifjuta li jiġi eżaminat minn tabib fiċ-Ċentru tas-Saħħa u b'hekk ġie riferut l-emerġenza meta ġie akkumpanjat minn PC992.[71] Fil-fatt nhar it-23 ta' Mejju 2023 ġie verbalizzat li *"Id-Difiza qed tezenta l-prosepkuzzjoni mill-ħtieġa li jittella Dr. Dale Brincat MD biex jixhed dwar ir-*<u>rifjut tal-imputat biex jiġi eżaminat".</u>[72]

*In-Natura tal-Ġrieħi*

Iċ-ċertifikat mediku ta' Gordon Gatt esibit a fol.17 ġie konfermat min **Dr. Glen Briffa** fejn ikkonstata li *"Bħala ġrieħi kellu ċentimetru u nofs qsim fil-ġilda superfiċjali fuq ix-xellug ta' rasu, on the parietal bone, u kellu żewġ ċentimetri qsim fil-ġilda fuq kull subgħa, it-tielet u r-raba' tax-xellug, illi kienu superfiċjali ukoll. Kellu hematoma jiġifieri gundalla ta' erba' ċentimetri madwar il-qsim tal-ġilda tar-ras. Il-bqija bħala feriti oħra osservati ma rajniex..... <u>the dermis and epidermis was involved</u>... Ma kellux bżonn punti għalihom minħabba li kienu superfiċjali, u aħna użajna fuq il-qsim li kien hemm f'rasu użajna d-derma glue biex insewwu l- ferita. Ovvjament dressing u tindifa..... fuq classification tal-ġrieħi, jiena ktibt fuq ir-rapport li huma* ***grievous għar-raġuni li ma nafx jekk hux ħa tikkunsidraw il-fatt di natura huma jista' jkun li jħallu sfreġju".***[73]

B'dan jirriżulta li s-swaba kienu sofrew <u>alterazzjoni fl-apparenza</u> tagħhom u għalhekk issib applikazzjoni t-tagħlim ġurispridenzjali enunċjat *inter alia* fid-

[70] Fol.259-260
[71] Fol.15
[72] Fol.199
[73] Fol.123

deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li eżaminat *funditus* it-tipi ta' offiżi fuq il-persuna fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Salvinu Vella**:[74]

> 17. L-artikolu 216 (1)(b) jitkellem fuq mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. It test Inkliz juza l-kelma "*hands*" u dan hu ta' ghajnuna ghad-dibattitu mqanqal mill-imputat meta jgħid li la darba l-ligi titkellem fuq l-idejn dan minnu nniffsu jeskludi id-drigh, ossia li l-id ma tinkludix id-drigh. Tajjeb li ssir referenza għal dak li jinsenja l-Professur Mamo fin-**Notes On Criminal Law** – Revised Edition 1954-1955 pp 228 meta jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u jgħid: "*Any external injury which detracts from the appearance of the face, or of the neck or of either of the hands – the most conspicuous parts of the human body...*" (Sottolinear tal-Qorti);
>
> 18. Meta offiza ggib mankament jew sfregju fill-wicc, l-ghonq jew waħda mill-idejn, dik l-offiza tkun waħda gravi *ex* artikolu 216(1) (b) tal-Kodici Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum għal ftit hin. Jekk jipperdura, fejn allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak l-isfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).
>
> Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccit b'approvazzjoni s-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:
>
> > **B'mankament ... fil-wicc, il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto *notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto*" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik il-hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta għal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, iżda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.**
>
> 19. Naturalment dak li intqal dwar il-wicc huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u ghall-idejn. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk għaliex il-legislatur donnu jaghti protezzjoni specjali għal dawk l-estremitajiet tal-ġisem li solitament huma dejjem

[74] Per Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.; Appell Nru. 496/2015. Seduta tat-30 ta' Settembru, 2019

mikxufin u għaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.

20. Fis-sistema legali tagha, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun waħda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura għal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit zmien jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', tagħti lok għal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-sentenza citata saret refeneza għal-diversi sentenzi oħra foshom dik **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:

> **Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijeit oħra, l-isregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment…"**

21. Fi kliem ieħor, offiza gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-ġisem, però' fejn si tratta tal-wicc, l-ghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka għal ftit hin kif fuq spjegat. F'kaz ta' permanenza, dik l-offiza tkun gravissima. Issa jekk l-offiza ssir fuq parti oħra tal-ġisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx waħda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravvizat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1).

22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi la darba l-offiza mhix fuq il-wicc, l-ghonq jew l-idejn tal-kwerelant, u la darba ma gabet ebda waħda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 216 jew 218 fuq xi parti oħra tal-ġisem, l-offiza hija waħda hafifa. Ghalhekk filwaqt li ma tistghax tinsab ħtija ta' offiza gravi qed tinsab ħtija ta' reat anqas gravi u cioe' ta' offiza hafifa fit-termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali bl-aggravanti msemmi fis-subartikolu (2);

Fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Zachary Vella**, l-istess Qorti diversament preseduta kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x' tagħmel:[75]

Illi fl-ahhar aggravju minnu intentat l-appellant jikkontendi illi l-ġrieħi sofferti mill-appellant ma jaqghux taħt id-dettami tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali billi s-<u>snien ma jiffurmawx parti mill-wiċċ</u> u ma jwasslux għall-elementi tal-isfreġju skont kif rikjest mill-liġi.

L-appellant jiġi mixli u misjub ħati tar-reat tal-offiza gravi kif mahsub fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali:

**216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tlett xhur sa tlett snin –**

[75] Per Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D.; Appell Nru. 46/2017; Seduta tat-3 ta' Mejju 2019.

**(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda millidejn tal-offiż;**

Illi:

**Skont l-artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi oħra, ggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura għal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju għall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita, tahti lok għal hekk imsejjha "offiza gravvissima" skont l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodici kriminali[76]**

Dan l-isfregju jikkonsisti f':

**B'mankament fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghall-kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfregju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skont gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta għal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu ihallu fuq il-wicc u specjalment fir-regjun tal-halq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno tagħha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).**[77] [Sottolinjear ta' din il-Qorti]

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-parti leża mhux sempliċiment tilef żewġ sinniet ta' quddiem iżda sofra wkoll frattura fl-għadam ta' ħalqu li filfatt ikkaġuna l-ispostament ta' waħda mis-snien li eventwalment tilef.

Irriżulta mix-xhieda tad-dentist Chistopher Satariano kif ukoll mill-espert maħtur mill-Ewwel Qorti Dr. Pasqual Demajo illi apparti li ntilfu dawn is-snien irriżultat frattura fl-għadma tal-ħalq tal-parti leża li mix-xhieda prodotta ħadet iż-żmien sabiex taqleb ghall-aħjar. Wkoll kif ġie kkonfermat minn dan l-espert, dawn il-ġrieħi kienu kompatibbli mal-offiza sofferta f'dan l-inċident u ma kien hemm l-ebda inċident ieħor li fiħ seta' kien involut il-vittma qabel dan il-każ li seta' ikkontribwixxa għad-deterjorazzjoni tal-ferita in kwistjoni. In oltre l-provi riskontrati kollha jikkonfermaw wkoll li l-vittma kellu diffikulta sabiex jiekol minħabba l-kundizzjoni tiegħu apparti effetti oħra psikoloġici.

Dan fil-fehma ta' din il-Qorti u fid-dawl ta' ġurisprudenza hawn fuq iccitata iwassal għal mankament fil-wicc, liema mankament jaqa' sewwasew fil-parametri tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali u konsegwentement is-sejbien ta' ħtija a bażi ta' din id-disposizzjoni tal-ligi hija waħda legalment u raġjonevolment korretta u ser tiġi kkonfermata mill-ġdid minn din il-Qorti.

---

[76] **Pulizija vs Fortunato Sultana** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar il-5 ta' Frar 1998.

[77] **Pulizija vs Paul Spagnol** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996.

**Dr. Leigh Calleja** imbghad ikkonfermat iċ-ċertifikati mediċi[78] li nħarġu minnha fir-rigward ta' Stanley u Rosanne Gatt fejn ġe konfermat li dawn il-ġrieħi kienu ħfief għaliex ta' natura superfiċjali.[79]

**Il-Professur Ray Gatt** filwaqt li ppreżenta r-rapport tiegħu[80], spjega li huwa kien eżamina lil tliet persuni u ċioe' Stanley Gatt, Rosanne Gatt u Gordon Gatt. Fir-rigward ta' Rosanne Gatt ma nstabu l-ebda ġrieħi iżda dwar Gordon Gatt jgħid li "*kellu diversi problemi ta' nghidulhom tbengil ta' soft tissues, ksur però ma kellux. L-uniku problema li hemm, li ghadu kmieni biex nirrelata fuqha, kien nefha fis-swaba, imma ovvjament iz-zmien huwa qasir biex nara...*"[81].

Imbghad dwar Stanley Gatt, il-Professur Gatt jispjega li "*ma kienx hemm ingurji kbar, però fuq l-xrays indunaw li kellu frattura zghira ta' subgha minnhom. Issa dan ahna nghidulha, din il-frattura nghidulha 'avulsion'….tkun avulsion fracture, ikun gibed ligament u flake ta' ghadma...le, as such mhijiexm ghalkemm hija frattura però ahna ma nsibux li hija problema kbira din, u as such meta kienu rawh casualty, trattament ma kien hemm xejn fil-fatt, xi haga li tfieq wehidha*"[82].

*Rapporti Medici*

Fir-rapport mediku ta' Rosann Gatt[83], il-Professur Gatt issemmi kif ilmentat li kellha uġigħ fl-irkoppa tal-lemin. Mill-eżami kondott fuqha, irriżulta li l-irkoppa kienet normali u *x-rays* ma kien jidher xejn.

Fir-rapport mediku ta' Gordon Gatt[84]il-Professur Ray Gatt sab li b'konsegwenza tal-inċident dan sofra:

> "*1. Daqqa u ferita f'rasu in-naħa tax-xellug fis-sit parietal ta' xi 2 ċentimetri li kien qiegħda imdemma;*
> 2. *Daqqa fuq l-ispalla tax-xellug*
> 3. *Lacero-contused ferita fit-tarf tas-sebgħa tan-nofs u taċ-ċurkett fil-pala tax-xellug;*
> 4. *Swaba tan-nofs u taċ-ċurkett minfuħin sal-pala tax-xellug;*
> 5. *Daqqa fuq ġenbu tax-xellug.*"[85]

---

[78] Fol.18-19
[79] Fol.150
[80] **Dok.RG-Dok.RG2** a fol.93 et seq ikkunsidrati aktar il-quddiem
[81] Fol.91
[82] Fol.91-92
[83] **Dok.RG** a fol.93-97
[84] **Dok.RG1** a fol.98-103
[85] Fol.100

Fir-rapport minn tiegħu l-Professur Gatt ikkonkluda li Gordon Gatt għadu jbati minn żewġ problemi b'konsegwenza għall-inċident u ċioè id-daqqa u kontużjoni ta' moħħu u l-ebusija u uġigħ tas-swaba ta' idu tax-xellug li sad-data tal-eżami – aktar minn xahar wara l-akkadut - kienu għadhom iebsin, juġgħawh u jipprekluduh milli juza idu b'mod normali. Beda x-xogħol ta' *plasterer* wara xahar iżda x-xogħol ma setgħax ikompli jagħmlu komdu kif kien qabel.[86]It-truf tas-swaba kellhom nuqqas ta' ħass[87]

Dwar Stanley Gatt[88], il-Professur issemmi li dan ilmenta li kellu uġigħ f'idu tal-lemin kif ukoll fid-driegħ sal-minkeb tal-lemin. Wara l-eżami, il-Professur kkonferma li Gatt kien għad għandu xi nefħa li kienet qiegħda ddejjqu. Mill-eżami u *x-rays* irriżulta li Gatt kellu **ksur żgħir** tas-subgħa werrej li għandu ifiq mingħajr ħafna problemi. Jiġi sottolinejat li sa xahar wara meta reġgħu ittieħdu *x-rays* dakinhar tal-eżami fid-29 ta' Marzu, 2023 deher li għad **fadal ksur fl-**istess post.[89]

L-espert mediku forensiku **Dr. Mario Scerri** inkarigat sabiex jagħmel eżami aħħari fuq il-vittmi ppreżenta r-rapport tiegħu filwaqt li spjega li d-data tal-eżami tagħhom kienet dik tat-22 ta' Mejju 2023, kważi tlett xhur wara l-akkadut li fih sfaw feruti.

Dr Scerri kompla jelabora:

*"Rizultat ta' dan l-allegat inċident Stanley Gatt spicca b' evulsion fracture …tat-tieni subgha tal-id il-leminija. Din il-lezjoni hija ta'* ***natura gravi per durata*** *u l-għamla u l-forma tas-subgha baqghu priservati. Kellu cikatrici fuq il-perital region tax-xellug."* Dwar Gordon Gatt ikkonstata li *"Din kienet rizultat ta' blunt trauma rizultat ta' lacerazzjoni u din qieghdha taht il-livell tax-xaghar u għalhekk ma tidhirx. Kien hemm* ***cikatrici wkoll fuq l-aspett dorsali*** *tal-pala tal-id ix-xellugija tal-istess Gordon Gatt* ***u fuq l-aspett medjali*** *tal-pala tal-id ix-xellugija l-istess. Dawn huma zghar u ma jidhrux from talking distance."*. Skond l-espert Rosanne Gatt ma garbitx lezjonijiet".[90]

Mir-relazzjoni tat-tabib Mario Scerri[91], ħarġu dawn ir-riżultanzi:

---

[86] Fol.101
[87] Fol.102
[88] **Dok.RG2** a fol.104-108
[89] Fol.107
[90] Fol.224-225
[91] **Dok.MS** a fol.227 et seq.

*"2. Illi, rizultat ta' dan l-allegat inċident, Stanley Gatt spicca b'evulsion fracture tal-middle phalanx tat-tieni subgha tal-id il-leminija. Din il-lezjoni hija ta' natura* ***gravi per durata u l-funzjoni u l-għamla u l-forma baqgħu preservati****;*

*3. Illi c-cikatrici deskritta fuq il-parietal region tax-xellug ta' Gordon Gatt kienet rizultat ta' blunt trauma rizultat ta' lacerazzjoni u din qiegħed taht il-livell tax-xaghar u ma tidhirx;*

*4. Illi c-****cikatrici deskritta fuq l-aspett dorsali tal-pala tal-id*** *ix-xellugija u fuq l-aspett anterjuri tal-pala tal-id ta' Gordon Gatt huma zghar u* ***ma jidhrux from within talking distance;***

*5. Illi, Rosanne Gatt ma garrbitx lezjonijiet jew fratturi rizultat ta' dan l-allegat inċident"*[92]

Ikkunsidrat,

__L-ewwel tlett Imputazzjonijiet: Offiżi Gravi fuq il-Persuna__

Għaldaqstant u fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali, kif ukoll fid-dawl tal-ġurisprudenza appena enunċjata, il-Qorti issib li fir-rigward ta' Stanley u Gordon Gatt l-ġrieħi huma dawk ta' natura gravi kif kontemplat bl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, mentri rigward Rosanne Gatt il-ġrieħi kienu ta' natura ħafifa. Il-fatt li ċ-ċikkatriċi li ġarrab Gordon Gatt ma tidhirx minn *talking distance* twassal għall-konklużjoni li il-gravità tagħha ma tista' qatt titqies bħala waħda msemmija fl-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali iżda biss fl-artikolu 216 tal-Kodiċi.

L-istess riżultanzi juru, sal-grad rikjest mil-liġi, kif l-imputat kellu l-**intenzjoni ġenerika li iweġġa. L-għemil tiegħu ta' bniedem li ma minflok rażżan lilu nnifsu, għażel il-ġlied u l-konfront, jixhed dan.**

Il-Qorti ma temminx il-verżjoni tal-imputat meta jixhed *viva voce*, kif abbilment sottomess ukoll fis-sottomissjonijiet finali, li dak li seħħ kien sforz ta' żball għaliex il-vettura awtomatika u minflok daħħal ir-*reverse* saq il-quddiem. L-ewwel nett jiġi sottolinejat li dwar dan ma jissemma xejn fl-istqarrija li ttieħdietlu.[93] Lanqas biss irrikonoxxa li kien saq għal fuq in-nies![94] Aktar importanti dak li jixhed mhux sostanzjat mix-xhieda okulari li raw jirriversja wara li daħħal go ħajt u minflok telaq minn fuq il-post saq għal fuqhom, issa li bdew jaqsmu t-triq. Dan juri li kieku tassew seħħ dak li jridna nemmnu

[92] Fol.241
[93] Fol.21-22
[94] Fol.21

Cardona, kien ikollu żmien suffiċjenti biex jirrimedja. Għaldaqstant m'hemmx dubbju f'għajnejn il-Qorti li dak li seħħ kien intenzjonat u volut mill-imputat.

Per konsegwenza il-Qorti qed issib ħtija fl-imputat li volontarjament wettaq offiżi ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali fuq Gordon u Stanley Gatt, u fir-rigward ta' Rosanne offiżi ta' natura ħafifa kif kontemplat bl-ewwel u t-tielet imputazzjoni.

*Tentattiv ta' Offiża gravi*

Dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti ma ssibx li din ġiet soddisfaċentement pruvata. Sabiex jintwera li Cardona kien intenzjonat iwettaq offiżi ta' natura gravi fuq Stanely u Rosann Gatt, il-prosekuzzjoni kienet fi dmir tressaq provi tal-intenzjoni **speċifika** ta' Cardona li jagħmel dan. Mhux l-istess jista' jingħad dwar l-intenzjoni ġenerika tiegħu kif ġa sar aċċenn, liema intenzjoni dehret manifestament mill-għemil u l-attitudini tiegħu.

Fil-fatt fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fid-deċiżjoni **Ir-Repubblika ta' Malta v. Salvatore sive Salvu Gauci**:[95]

> Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, apparti n-nuqqas ta' precizjoni fil-mod kif dik il-Qorti esprimiet ruhha – u meta wiehed ikun qed jindirizza lill-gurati wiehed ghandu dejjem iqis kull kelma li jghid u jillimita l-ezempji u l-proposti legali ghal dak li hu strettament necessarju – l-introduzjoni tal-"presunzjoni" jew "principju" illi "kulhadd irid il-konsegwenzi naturali ta' l-ghemil tieghu" fil-kuntest ta' jekk fil-kaz *de quo* kienx hemm l-*animus necandi* jew l-*animus nocendi*, tisposta l-ezami tal-intenzjoni tal-appellant, allura akkuzat, minn dak li huwa verament kellu l-intenzjoni li jaghmel ghal dak li *ex post facto* jirrizulta li sehh. Inoltre, bil-fatt li l-ewwel Qorti donnha abbraccjat l-argument tal-prosekuzzjoni – argument li din il-Qorti ma tistax hlief tikkwalifikah bhala banali – li tolqot fejn tolqot fil-gisem tal-bniedem dejjem hemm il-possibilita` li tolqot xi vina jew arterja importanti u li johrog id-demm, u li allura jekk wiehed imut minhabba f'hekk, ikun hemm l-intenzjoni omicida (possibilment indiretta), l-ewwel qorti kienet prattikament qed teskludi l-offiza gravi segwita bil-mewt meta din l-offiza tkun wahda li ggib xi forma ta' emoragija. Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Il-mistoqsijiet li kellhom jitqieghdu quddiem il-gurati kienu semplici: (1) meta Gauci vvibra d-daqqa jew daqqiet fuq il-persuna ta' Anna Kok, huwa ried joqtolha jew ried ipoggilha hajjitha f'perikolu car (ghax basar x'setghu jkunu l-konsegwenzi ta' ghemilu), jew ma ried xejn minn dan u allura jigi li ried semplicement jaghmlilha hsara – zghira jew kbira irrelevanti?; u (2) mill-istrument li intuza, mill-post fuq il-persuna fejn gew maghmula l-offizi (jew 'il fejn kienu indirizzati xi daqqiet li addirittura setghu anqas biss laqtu lil Anna Kok), minn dak li Gauci qal qabel, waqt jew wara li ta bis-sikkina, wiehed jista' jkun

[95] Seduta tat-8 ta' Lulju, 2004. Numru 12/1998. Per S.T.O. Prim Imħallef Vincent Degaetano, Onor. Imħallef Joseph A. Filletti; Onor. Imħallef David Sciclunaa

moralment konvint – jigifieri minghajr dubbju dettat mir-raguni – li huwa ried joqtol lil Kok jew iqieghed il-hajja taghha f'perikolu car? Wiehed ma jistax iwiegeb korrettement ghal dawn il-mistoqsijiet billi jaghmel enfasi preponderanti – kif donnha ghamlet l-ewwel Qorti jew stiednet lill-gurati li jaghmlu – ghall-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu ***The Criminal Law of Scotland*[96]*:***

**"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay dawn a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[97]**

U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fl-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk"[98] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:

**"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[99] says, *"In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons"*.**

**Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that "In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed". All these are objective factors affecting the degree of**

---

[96] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.
[97] Para. 7.28, pp. 232-233.
[98] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."
[99] Hall, J., *General Principles of Criminal Law* 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

**the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."**[100]

Fil-kaz in dizamina, jista' jinghad li persuna ta' intelligenza normali ("the reasonable man") kien jara l-mewt bhala konsegwenza probabbli ta' daqqa ta' sikkina fil-koxxa n-naha ta' fuq? Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti ir-risposta ghandha tkun le.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Sandro (Alexander) Chetcuti,** għamlet eżami *funditus* dwar ir-rekwiżiti biex tiġi pruvata imputazzjoni ta' tentattiv ta' offiża gravi:[101]

<u>**It-tentattiv ta'l-offiza gravissima**</u>

Jinghad qabel xejn illi <u>sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara</u>. "Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: "the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid "Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:

---

100 Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

101 Per Onor. Maġistrat Dr. Edwina Grima. Seduta tat-18 ta' Settembru, 2013; Numru. 233/2010

"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravisima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto – il canone probatorio in dubio pro reo."

U ikkonkludiet: "Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' **jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz**. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravisima fit-tieni lok."

Illi kif diga inghad **fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed** izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat ta'l-offiza gravi jew gravíssima l-prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma.
[Emfasi u sottolinejar tal-Qorti]

## Ir-Raba Imputazzjoni:

Din l-imputazzjoni hi dik kontemplata bl-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali fejn il-leġislatur jitkellem fuq l-imġieba tal-awtur tar-reat, hekk kif mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada:**[102]

---

[102] Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġistrat Dr. Edwina Grima, [02.05.2013]

"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:

"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("*alarming")* jew idejjaq: ("*causing ..distress")* lill-persuna.

Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "h*arassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

"*Words, conduct or action (usu. <u>Repeated or persistent</u>) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",* dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-

*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a *"course of conduct"* (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L-Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef** il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) rriteniet is-segwenti:[103]

> "Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:
>
> … illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:
>
> **"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**
>
> Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

---

[103] Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġistrat Dr. Edwina Grima [17.02.2011].

Il-liġi għalhekk titkellem dwar "imġieba", *a course of conduct,* u minn dina l-espożizzjoni legali, jirriżulta illi dan ir-reat ma jissussistix jekk dan ikun xi inċident iżolat bħal ma kien il-każ in deżamina.

**<u>Il-Ħames u s-Sitt Imputazzjoni</u>**

Mill-assjem tal-provi altru li dawn l-imputazzjoni ġew pruvati. Is-sewqan tal-imputat ma jistax ma jiġix deskritt bħala wieħed traskurat, bla kont kif ukoll perikoluż għall-aħħar.

Fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** il-Qorti tal-Appell Kriminali enunċjat it-tifsiriet li għandhom jingħataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:[104]

> "Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.
>
> Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed **deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.**
>
> Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' **perikolu ghal terzi** jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide **Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950) .......
>
> [Emfasi tal-Qorti]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat** iddikjarat: [105]

---

[104] Deċiża 06.05.1997 per Onor. Imħallef Dr. Vincent DeGaetano.
[105] Deċiża 22.11.2007 per Onor Imħallef Dr. Joseph Galea Debono.

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] ) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* (**"Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968])……

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Spiteri:** "Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."

Illi f'deċiżjoni oħra tal-istess Qorti ġie deċiż:-

… biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghall-responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...[106].

Imbagħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clive Vella**[107] saret referenza għal sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar, 2003, **Il-Pulizija vs Francis William Peter George Zarb Adami**:

F'kazijiet ta' incidenti stradali, hemm certa presumptions of fact li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi ta' dak l-incident, li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu 'res ipsa loquitur u li llum ikun korrett li jissejhu circumstantial evidence u li jistghu jimmiltaw biex min irid jiggudika jasal ghal certi konkluzjonijiet dwar ir-responsabilita' o meno tal-akkuzat.[108]

Fuq skorta ta' din il-ġurisprudenza w tenut kont tal-provi miġjuba, ma hemmx dubbju li mhux talli Cardona ma żammx *a proper lookout* iżda konxju tal-ġemgħa tan-nies li kienu barra l-Club, saq lejhom bla ebda inibizzjoni tant li reġġa' lura u wara saq għal fuq nies li ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-ġlieda; nies fi triqthom lejn darhom li kienu qed jaqsmu triq preċiżament fil-*line of vision* tal-imputat li kompla saq romblu għal fuqhom.

---

106 **Pulizija vs Joseph Grech**, Deċiża 06.06.2003
107 Qorti ta' l-Appell Kriminali Deċiża 14.01.2013
108 Qorti tal-Appell Kriminali, Deċiża 7.02.2003

Jiżdied fil-konsiderazzjoni dwar din il-ħames imputazzjoni dak li iddikjaraw ix-xhieda okulari. Fil-fatt Gordon Gatt *xehed li l-imputat "mar ghall-karozza u nizel fejn is-security u komplew jargumentaw. Daruh in-nies u fethulu anke l-bieba sadanittant kompla jinqala l-panic u hu* <u>*rriversja bicca zghira u pprova jagħmel u-turn*</u> *…. X' hin gejna biex naqsmu hu kien il-fuq minna fejn ir-roundabout u* ***rega saq ghal isfel ghal gon nies u dak il-hin laqat lilna."***[109]

Stanley Gatt ukoll jixhed li "*Quddiem il-Vibes qisu gew in-nies miegħu mal-karozza u hu sabbat mal-bieba … X' hin ġie quddiem il-Vibes daru n-nies mal-karozza …ahna sadanittant konna qed nistennew fil-kantuniera. ….Hu saq lura u ġie l-quddiem ghamel u-turn u habat mal-hajt hdejn saqaja ezatt. Kien hemm hija u ghidtlu: "Ersaq l hawn, ersaq l hawn ghax ha jolqotna." Tlajna fuq il-bankina mad-dawra ghan Naxxar. Sadanittant* <u>*hu ma ghaddiex ghax ghamel u-turn u habat mal-hajt u hemm il-marka taz-zebgha*</u>*,* ***rega hareg lura, tela` lura l-fuq lejna ghax ahna qegħdin fid-dawra imma qabizna lilna ghax qisu ġie warajna hekk. …."***[110]

Finalment anke Amanda Gatt tikkonferma din il-manuvri perikoluża li saret f'nofs karreġġata: "*Rajtu minn fejn imbagħad imxejt jirriversja* <u>*u jagħmel u-turn u weħel mal-ħajt,*</u> *reġa' lura u saq il-quddiem."*.[111]

Fid-dawl ta' dan kollu ma jonqosx li l-imputat għandu jinstab ħati talli saq b'manjiera traskurata, bla kont iżda wkoll perikoluża.

<u>**Is-Seba imputazzjoni**</u>

Mix-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija li tkellmu mal-imputat irriżulta li xammew riħa ta' alkoħol fuqu. Il-fatt li dan baqa jinsisti li jkellem avukat ta' fiduċja tiegħu w saħansitra wieġeb li ma ried jgħid xejn mingħajr il-presenza tal-leali tiegħu, pjuttost juru li minkejja ix-xamma ta' alkoħol, kien koerenti. Fil-fatt jiġi deskritt minn PC837 Daniel Zammit kif, meta sabu lil Cardona w proċedew għall-arrest tiegħu, dan kellu **riħa ta' alkoħol fuqu,** deher ftit aġitat u meta ġie mistoqsi xi domandi *"beda jghidilna li ahjar ma jwegibx"*.[112]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha okkażjoni tippronunzja ruħha f'każ simili fejn il-prosekuzzjoni ma resqitx il-provi biex tissostanzja l-imputazzjoni kontemplata bl-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta:[113]

---

109 Fol.34-35
110 Fol.47-48
111 Fol.70
112 Fol.202-204
113 Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can). **Appell Numru: 490/2016. Il-Pulizija vs Claude Formosa. Seduta** 23 ta' Lulju, 2019

Fl-ewwel lok l-appellant jallega b'referenza ghall-ewwwel akkuza kif disposta fl-artikolu 15A (1) tal kap 65 tal-ligijiet ta' Malta li l-pulizija ma resqet l-ebda evidenza sabiex tipprova li l-appellant kien fi stat ta' sokor jew ahjar fi stat tajjeb li jopera l-vettura tieghu. Billi ma resqet lil hadd jixhed dwar id dinamika tal-incident.

Illi l-gurisprudenza tghallem li ghalkemm ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx, madanakollu:

"*Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Pace**, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa" minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tannifs maghmul taht l-Artikolu 15C.*

*Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll indipendentement millansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku.*[114]"

F'dan ir-rigward jinghad li l-unika haga li rrizulta mill-provi hu li l-pulizija li nvetiga l-kaz xamm riha ta' xorb. Fl-ebda hin ma qal li l-appellant kien ruxxan jew li wehillu ilsienu jew li ma kienx qed jimxi dritt. Mistoqsi kif agixxa l-appellant wara l-incident jghid normali bhal kul persuna ohra li jkun ghadu kemm habat. Min naha l-ohra l-appellant jghid li kul ma kien xorob dak n-nhar kien flixkun Shandy. Din il-prova ma gietx kontradetta minn hadd. U ghalhekk dak li stqarr l-appellant dwar il-prova imreqsa mill-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward hija dghajfa hija korretta .

Fil-każ tal-imputat odjern iżda, intqal u anke ntwera mill-faxxikolu ta' ritratti esibiti mis-*scene of crime officers,* kif il-vettura kienet maħbuta f'diversi bnadi. Dan jikkorrobora ix-xiehda okulari li spjegaw il-mod errant li bih saq l-imputat li anke ħabta go ħajt ma waqfitux milli jippresta aktar attenzjoni, anzi żid id-doża w saq għal fuq in-nies bil-konsegwenzi li dawn sofrew ġrieħi.

Lanqas ma jista' jiġi skartat il-fatt li martu stess, irrifjutat li tirkeb fil-vettura miegħu w minflok għażlet li timxiha lura d-dar minkejja li kienu s-sigħat bikrin ta' filgħodu.

L-attitudni tiegħu tixhed mingħajr dubbju li ftit li xejn seta jirrifletti sew f'dak il-mument ta' rabja li ħakmitu quddiem il-Liquid Club, tant li spiċċa biex fera gravament żewġ persuni u oħra weġagħha b'mod ħafif.

Għalhekk neċessarjament isib applikazzjoni is-subartikolu (2) tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

---

114 Il-Pulizija vs Marlon Montebello – App.Inf. – 09/02/2001

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.

Konsegwentement qed tinstab ħtija fuq din l-imputazzjoni.

**It-Tmien Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni wkoll ġiet pruvata tant li wara li Cardona telaq minn fuq il-post minflok mar ġo Għassa, saq lejn id-dar mingħajr tentattiv iċċempel l-Għassa u dan minkejja li fi kliemu mar d-dar biex jiċċarġja l-mobile. Tenut tat-trapass bejn il-ħin tal-inċident u x'ħin wasslu l-pulizija, madwar siegħa wara, altru li kellu żmien suffiċjenti jagħmel dmirijietu skond il-Liġi.

**Id-Disa Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni ukoll ġiet ampjament pruvata tenut kont tar-rekwiżiti legali, kollha sodisfatti bil-provi miġjuba l-quddiem, sabiex tali reat kontravvenzjonali jissusisti.

Dwar dawn ir-rekwiżiti l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza meqjusa tagħha **Il-Pulizija vs Ryan Falzon** tenniet:[115]

Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok taghmel referenza ghal gurisprudenza rigwardanti l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra li:

*'b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Marianne Abela u Joseph Sant'**[116] gie kkunsidrat li:

*'Kwantu għall-imputazzjoni li l-appellanta volontarjament iddisturbat il-bon ordni u l-paċi pubblika bl-għajat u bil-ġlied, liema imputazzjoni qiegħda tiġi bbażata fuq l-artikolu 352 (bb) tal-Kodiċi Kriminali, għandu jiġi osservat li dan l-artikolu 352 (bb) ġie kostatement interpretat minn din il-Qorti (ara Pulizija vvs Donald Zahra, 19 ta' April, 1950 Kollez. Dec. Vol. 10 XXXIV-IV-968 u s-sentenzi hemm ċitati) li jikkontempla fatti li jneħħu jew inaqqsu liċ-ċittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individali u għalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taħt ċirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistgħu jikkonduċu għal reati oħrajn kontra l-persuni u s-sempliċi argumentat b'leħen għoli u xi ftit b'eċitazzjoni ma jikorix il-liġi;'*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Paul Busuttil'**[117] fejn gie kkunsidrat li:

---

[115] Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera; Deċiża 14 ta' Mejju, 2020; Appell Nru: 298/2019

[116] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju, 1984.

[117] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Ġunju, 1994.

*'Skond ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, dan ir-reat javvera ruħhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliża kien jissejjah 'a breach of the peace'. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kunċett Ingliż ta' 'a breach of the peace' tirrisali għal żmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawża deċiża minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et., kien qal hekk:*

*'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'(Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).*

*A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza ghall-ġurisprudenza miġbura fl-artikolu intitolat 'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order' pubblikat fil-Vol. X ta' The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983) pagna 13 et seq., u speċjalment paġni 28 sa 31. B'żieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wieħed jista' jgħid li r-reat ta' 'breach of the peace' fil-liġi Skoċċiza jirrikjedi wkoll ċertu element, imqar f'ammont żghir ħafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb tagħhom 'Scots Criminal Law' (Edinburgh, Butterworths, 1992):*

*'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p. 192).*

*Naturalment huwa kważi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull każ għar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal- pubbliku. Kif jghid awtur ieħor Skoċċiz, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu 'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978):*

*'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p. 985, para. 41-01).*

*U aktar 'il quddiem l-istess awtur jgħid:*
*'.... Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).*

*4. Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkoluminita' fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Żammit) vs Vincent Sacco'**[118] gie kkunsidrat li:

*'Kwantu għar-reati kontravvenzjonali imsemmi fit-tielet imputazzjoni u cjoe dik kontemplata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx sal-grad rikjest mill-Ligi l-elementi tar-reat de quo. Ic-cirkostanzi li fihom jista' jew ma jistax jigi integrat ir-reat tal-ksur tal-bon-ordni jew il-kwiet tal- pubbliku gew illustrati millQorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad- 19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV pagna 441):*

*L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir- reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuzjew minaccjuzfih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaga oħra u aktar serja (bħal glied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għallbreach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Silvio Valletta) kontra Joseph Spiteri'**[119] gie kkunsidrat li:

*'Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi iridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib. Ghemil fih innifsu innocenti u perfettament legittimu, bhalma hu l-ghemil ta' tfal jilghabu f'bitha qabel, bejn jew wara llezzjonijiet tad-duttrina ma jistax oggettivament inissel tali inkwiet jew thassib. Jista' jammonta (Appell numru: 178/95) 13 ghal inkonvenjent, u anke inkonvenjent serju ghal xi individwu, pero' tali inkonvenjent ma huwiex kolpit bl-Artikolu 338(bb) in dizamina.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Charles Micallef) kontra Alfred Pisani'**[120] gie kkunsidrat:

*'Kwantu ghall-paragrafu (dd), skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza kien jissejah "a breach of the peace". Kif gie spjegat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Gunju, 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Busuttil, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) talArt. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba ccirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat)*

---

118 Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Frar, 2015.

119 Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Mejju, 1996.

120 Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju, 1995 (Appell numru: 228/94).

*dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar linkolumita' ta' propjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil (ara wkoll, Il-Pulizija v. Lawrence Scicluna, 18/11/94, u Il-Pulizija v. Nicholas Debono, 30/9/94, it-tnejn decizzjonijiet ta' din il-Qorti).'*

Fis-sentenza deciza ricentement minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech) Vs Joseph Vella)**[121] ' gie kkunsidrat li:

*'Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi ghalkemm kien hemm skambju ta' kliem bejn l- imputat appellant u l-parti leza u ghalkemm it-tnejn li huma wiegbu lil xulxin, madanakollu ma jidhirx illi kien hemm il-breach of the peace kif trid il-ligi tant illi ma jidhirx illi f'dak il-hin kien hemm xi nies ohra fil-vicinanzi jew inkella li l-istorbju bejn dawn in-nies gieghel lil xi nies johorgu minn djarhom jew javvicinaw l-ekwati. Ghalhekk din l-akkzua mhux provata.'*

Jirriżulta li anke din l-aħħar imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata.

**Il-Piena**

Fir-rigward tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li bejn l-imputazzjonijiet numri ħamsa (5), sitta (6) u seba' (7) jeżisti il-prinċipju ta' konkors formali ta' reati, bil-piena l-aktar gravi tkun dik kontemplata bl-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe l-imputazzjoni numru ħamsa (5).

Ittieħed kont ukoll tan-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-fedina penali tal-imputat minn fejn jirriżulta li mhux xi *first-time offender* u taċ-ċirkostanzi tal-każ fejn il-vittmi tal-għemil tiegħu kienu xejn anqas minn tlett individwi. Każ li setgħa kellu konsegwenzi ferm iktar gravi, fejn l-imputat wera li hu ta' periklu serju ghal terzi.

Hu biss il-fatt li dan l-akkadut jidher li hu *out of character* għall-imputat li jżomm lil din il-Qorti milli timponi fuqu piena karċerarja w minflok tissospendiha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni u mir-raba imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17(b)(f)(h), 31, 214, 215, 216(1)(b), 221(1) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-artikoli 15(1)(a), 15A, 15H u 55 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku,

[121] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Dicembru, 2019 (Appell numru: 26/2019).

Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-regolament 3 Taqsima II, Partita A(b) tar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-regolament 67(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah għal **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għall-tlett (3) snin millum u **multa ta' elf u ħamsin Ewro (€1,050).**

In oltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-ħati taħt ordni ta' superviżjoni ghal sentejn (2) u flimkien ma' din is-sentenza qiegħda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sentejn (2) millum.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien sentejn sabiex jingħata l-għajnuna li jista' jeħtieġ biex jegħleb il-vizzju tax-xorb kemm il-darba jiġi kkonstatat li hu aflitt minn din il-kundizzjoni. Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat iħallas elf u ħamsa w sittin ewro u erbgħin ċenteżmu (**€1,065.40)** rappreżentanti spejjez peritali.

Finalment ai termini tal-Artikolu 15A(1) tal-Kodiċi Kriminali bħala kumpens għall-offiżi kawżati mill-imputat, tordna lill-imputat jikkumpensa lil Gordon Gatt fl-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800), lil Stanley Gatt fl-ammont ta' erba mitt ewro Ewro (€400) u lil Roseann Gatt fl-ammont ta' mija w ħamsin ewro (€150).

Din l-ordni għandha l-istess forza u effett u hija esegwibbli bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u l-vittma.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni fuqu impost kif ukoll kemm il-darba ma jsegwix l-ordni ta' trattament.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**